# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018**

**Numru 11**
**Rikors kostituzzjonali numru 98/2016 MCH**

**Tancred Tabone**

***v.***

**L-Onorevoli Prim'Ministru; l-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali; l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija fis-16 ta' April 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li laqgħet talba tal-attur għal dikjarazzjoni li nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fid-19 ta' Frar 2013 l-attur kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli bi frodi u ħasil ta' flus. Dawn il-proċeduri għadhom għaddejjin. Wara li dawn il-fatti ħarġu fil-pubbliku, saru xi stqarrijiet fil-pubbliku minn uffiċjali pubbliċi u minn nies fil-politika, u dawn l-istqarrijiet ingħataw ukoll rapportaġġ fil-*media*. Din, igħid l-attur, kienet pubbliċità negativa ta' ħsara għalih għax twassal għall-konklużjoni li hu ħati qabel ma jkun għadda mill-proċess ġudizzjarju.

3. Għalhekk fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »(a) tiddikjara li d-dikjarazzjonijiet magħmula minn l-*ex*-Prim Ministru Lawrence Gonzi, kemm meta kien Prim Ministru u/jew anki wara li ma baqax Prim Ministru però meta tkellem b'referenza għal żmien bħala Prim Ministru; u/jew mill-Onorevoli Owen Bonnici; u/jew minn Arnold Cassola jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem; u
>
> »(b) tiddikjara li b'konsegwenza ta' dan il-ksur, il-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-qrati Maltin jiġu ddikjarati nulli; u/jew
>
> »(ċ) tagħti dawk id-direttivi u r-rimedji kollha opportuni sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fundamentali tal-esponent, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-qrati Maltin.«

4. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »[…] tiddikjara illi ma ġiex leż id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq garantit mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem iżda ġie leż id-dritt fundamentali tal-appellanti [*recte*, tal-attur] garantit mill-artikolu 39(5) tal-istess Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(2) tal-istess Konvenzjoni Ewropea kif fuq deskritt. Tiċħad it-talba li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti jiġu dikjarati nulli però tordna illi a kura tar-reġistratur titqiegħed kopja ta' din is-sentenza fl-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Tancred Tabone</u> illi għalih saret referenza fir-rikors kostituzzjonali odjern.
>
> »Tordna illi kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' din l-istanza.«

5. Safejn relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell, ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»»Talbiet u eċċezzjonijiet

»Illi l-esponenti [*viz.* l-attur] qed jitlob li dina l-qorti tiddikjara li d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-*ex*-Prim Ministru Lawrence Gonzi, kemm meta kien Prim Ministru u/jew anki wara li ma baqax Prim Ministru però meta tkellem b'referenza għal żmien bħala Prim Ministru; u/jew mill-Onorevoli Owen Bonnici; u/jew minn Arnold Cassola jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem; u konsegwentement tiddikjara li l-proceduri kriminali pendenti quddiem il-qrati Maltin jiġu ddikjarati nulli.

»L-intimati wieġbu […] li l-azzjoni hija intempestiva u fil-mertu li d-dritt għal smigħ xieraq u l-presunzjoni tal-innoċenza ma ġiex menomat.

»Fatti

»Il-fatti kif joħorġu mill-atti huma s-segwenti:

»Fid-19 ta' Frar 2013 ir-rikorrent tressaq taħt akkuża quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn ġie akkużat bi frodi u b'ħasil tal-flus. Wara li tressaq il-qorti saru numru ta' dikjarazzjonijiet fil-pubbliku minn uffiċjali pubbliċi u minn politiċi u sar rapportaġġ estensiv tagħhom fil-*media*, b'mod li huwa ngħata pubbliċità negattiva bi preġudizzju għalih billi dawn id-dikjarazzjonijiet wasslu għall-konklużjoni li hu kien ħati u dana bi ksur tad-dritt tiegħu għal *fair trial* u presunzjoni tal-innoċenza.

»[… … … ]

»Intempestività

»Illi l-intimati eċċipew ukoll in linea preliminari l-intempestività ta' dina l-azzjoni in kwantu li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti għadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Ġaladarba l-lanjanzi tar-rikorrent huma mibnija fl-intier tagħhom fuq allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk ir-rikorrenti ġarrabx ksur ta' dawn l-artikoli, irid jiġi eżaminat il-proċess kriminali kollu fit-totalità tiegħu.

»Fit-talbiet tiegħu r-rikorrent jirreferi għall-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni mingħajr ebda limitazzjoni u mingħajr indikażżjoni ta' xi subinċiż partikolari, u allura huwa ċar li, għalkemm messhom ġew indikati s-subinċiżi invokati, hu qed jitlob li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż fil-kuntest ta' dawn l-artikoli fl-ambitu sħiħ tagħhom.

»Id-dritt fundamentali sanċit bl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni jinvolvu [*recte*, id-dritt … jinvolvi] li fi proċeduri kriminali għandu jkun hemm smigħ xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b'liġi.

»[… … …]

»[…] l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq art. 6(1) tista', skont il-każ, tiġi trattata fir-rigward tal-varji kapi tagħha separatament. Hekk

wkoll f'dak li jirrigwarda il-presunzjoni tal-innoċenza taħt is-subartikolu 6(2). Għalhekk l-allegata leżjoni ta' dan id-dritt tista' tiġi investigata anke fin-nuqqas ta' sentenza finali u anke qabel il-bidu tal-proċeduri kriminali.

»Għalhekk l-eċċezzjoni tal-intimati dwar l-intempestività tal-azzjoni qed tiġi miċħuda.

»Artikolu 6(1) – smigħ minn qorti indipendenti u imparzjali

»Kwantu għall-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għas-smigħ minn qorti indipendenti u imparzjali taħt l-artikoli 39(1) u 6(1) ir-rikorrent irid jipprova li r-rapporti fil-medja ħallew l-impatt tagħhom fuq l-imparzjalità tal-ġudikant u "*The test is not the 'subjective apprehensions' of the suspect as to the impact of the comment, but whether 'his fears can be held to be objectively justified*" [GCP *v.* Romania [2011] para. 46].

»Fil-każ odjern il-proċeduri kriminali għadhom pendenti u ma hemmx dubju li l-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja jissodisfaw ir-rekwizit ta' "qorti" sabiex tiddetermina *criminal charge* li jimponi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal Konvenzjoni. Il-fatt illi l-qorti hija presjeduta minn imħallef jew maġistrat professjonali, skont il każ, huwa garanzija ta' indipendenza u imparzjalità. *Inoltre*, il-proċedura toffri garanziji estensivi biex tis-salvagwardja lill-ġudikant minn pressjonijiet esterni.

»Illi fil-każ in eżami r-rikorrent kellu jipprova li d-dikjarazzjonijiet u r-rapporti fil-medja ħallew l-impatt tagħhom fuq l-imparzjalità tal-ġudikant, iżda ma tressqet l-ebda prova li tista' twassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li r-rapporti imsemmija affettwaw l-imparzjalità soġġettiva jew oġġettiva tal-ġudikant li qed jisma' jew li se jisma' l-każ.

»Għalhekk it-talba taħt is-subartikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni qed tiġi miċħuda.

»Artikolu 6(2) – lezjoni tal-dritt tal-prezunzjoni tal-innoċenza

»Illi l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni jiddisponi li, "Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi". Fl-istess sens huwa l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni.

»Illi huwa aċċettat dottrinalment li: "*The presumption of innocence is binding not only on the Court before which a person charged is brought but on other State Organs*" [Karen Reid, p. 176 *3rd Ed*].

»Fil-każ in eżami d-dritt sanċit fl-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni qed jiġi allegat li nkiser fil-kuntest ta' stqarrijiet minn awtoritajiet pubbliċi b'referenza għal Dr L. Gonzi għaż-żmien meta kien Prim Ministru u/jew anki wara li ma baqax Prim Ministru però meta tkellem b'referenza għal żmien meta kien Prim Ministru; u/jew l-Onorevoli Owen Bonnici; u/jew Arnold Cassola rigward r-rikorrent li qiegħed għaddej proċeduri kriminali.

»Dan id-dritt ġie trattat mill-qrati tagħna [Arrigo *v.* Malta] u mill-Qorti Ewropea. Din il-qorti qed tagħmel referenza għal dak li gie ritenut fis-sentenza Fatullayev *v.* Azerbaijan [22/04/2010] fejn hemm hekk:

> »"159. The Court reiterates that Article 6 §2, in its relevant aspect, is aimed at preventing the undermining of a fair criminal trial by prejudicial statements made in close connection with those

proceedings. The presumption of innocence enshrined in paragraph 2 of Article 6 is one of the elements of the fair criminal trial that is required by paragraph 1 (see Allenet de Ribemont, cited above, § 35). It not only prohibits the premature expression by the tribunal itself of the opinion that the person 'charged with a criminal offence' is guilty before he has been so proved according to law (see Minelli *v.* Switzerland, 25 March 1983, § 38, Series A no. 62), but also covers statements made by other public officials about pending criminal investigations which encourage the public to believe the suspect guilty and prejudge the assessment of the facts by the competent judicial authority (see Allenet de Ribemont, cited above, § 41, and *Daktaras v. Lithuania*, no. 42095/98, §§ 41-43, ECHR 2000-X). The Court stresses that Article 6 § 2 cannot prevent the authorities from informing the public about criminal investigations in progress, but it requires that they do so with all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected (see Allenet de Ribemont, cited above, § 38).

»"160. It has been the Court's consistent approach that the presumption of innocence will be violated if a judicial decision or a statement by a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved guilty according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning suggesting that the court or the official regards the accused as guilty. A fundamental distinction must be made between a statement that someone is merely suspected of having committed a crime and a clear declaration, in the absence of a final conviction, that an individual has committed the crime in question. The Court has consistently emphasised the importance of the choice of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of a particular criminal offence (see Khuzhin and Others *v.* Russia, no. 13470/02, § 94, 23 October 2008, with further references). Whether a statement of a public official is in breach of the principle of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made (see Butkevičius *v.* Lithuania, no. 48297/99, § 49, ECHR 2002-II).

»Fi kliem sempliċi hawnhekk il-qorti ta' Strasburgu tagħmel distinzjoni bejn li jissemma fil-medja l-isem ta' persuna akkużata jew li ser tiġi akkużata b'offiża u fejn tiġi attribwita ħtija lil dik il-persuna qabel ma jingħata s-smigħ garantit bil-liġijiet tagħna.

»Illi l-artikolu 6(2) ma jżommx lill-persuni fdati bit-tmexxija tal-gvern milli jinformaw il-pubbliku b'akkadut li jista' jkun ta' tħassib jew anke ta' interess għall-pubbliku in ġenerali. Iżda trid tinżamm dik iċ-ċirkospezzjoni u d-diskrezzjoni neċessarja sabiex il-libertà tal-espressjoni u d-dritt li l-pubbliku jiġi infurmat ma timpinġix fuq id-dritt tal-presunzjoni tal-innoċenza tal-applikant.

»Illi jirriżulta li l-istqarrija tal-Prim Ministru Dr L. Gonzi kienet ġustifikata *in vista* tal-iskandlu tax-xiri taż-żejt u l-fatt li tressaq ir-rikorrent il-qorti akkużat b'reati in konnessjoni mal-istess.

»Ir-rikorrent qed joġġezzjona għal dina l-istqarrija billi jsostni li fiha jidher li Dr L. Gonzi kien wasal għal konklużjoni li huwa kien ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu.

»Illi l-qorti rat din l-istqarrija li tibda bil-kliem:

> »"I cannot accept that persons, appointed to safeguard the public interest on public entities, betray the trust that has been placed in them. "

»Imbagħad ikompli billi jgħid:

> »"Thus it is with profound disappointment that I have learned about the arraignment of Mr. Tancred Tabone, a prominent member of the business community, in connection with events that allegedly took place while he was responsible for safeguarding the public interest on the board of a public corporation."

»Imma Dr L. Gonzi jagħmilha ċara lejn l-ahhar tal-istqarrija li:

> »"It is not for me to disclose the details of the case against Mr Tabone and Mr Sammut. That is a matter for the police. I have done everything in my power to facilitate the investigation of all allegations; including the issuing an amnesty to whoever was prepared to collaborate and give evidence in court that will expose all wrongdoing. I ask the media and members of the public to await the outcome of the proceedings and to allow justice to take its course in the interest of all."

»Fil-fehma tal-qorti, Dr L. Gonzi kien kawt fil-mod kif ifformula l-istqarrija tiegħu. Huwa stqarr li mhux aċċettabili li persuni b'kariga f'entitajiet pubbliċi jonqsu mill-fiduċja mqiegħda fuqhom. Hu wera d-disappunt tiegħu li membru prominenti bħar-rikorrent spiċċa l-qorti.

»Il-gazzetti mbagħad fuq dina l-stqarrija ħarġu bil-*headlines* li '*Tabone betrayed public trust – Gonzi*'. Jirriżulta ċar li r-rapport kien ibbażat fuq dak li ntqal fl-istqarrija imma għamlu emfasi partikolari fuq dak t-titolu, maħruġ mill-kuntest kollu tal-istqarrija fejn Dr Gonzi kien qal li ser iħalli li l-investigazzjoni tieħu l-kors tagħha. Għalhekk Dr L. Gonzi ma għandux jirrispondi għal dak li ġabu l-gazzetti imma r-responsabilità tiegħu testendi biss qal dak li qal fl-istqarrija.

»Fil-fehma tal-qorti l-istqarrija ma kinitx tikser il-presunzjoni tal-innoċenza tar-rikorrent billi għalkemm Dr Gonzi wera d-disappunt tiegħu hu ħalla l-ġustizzja tieħu l-kors tagħha.

»Mhux l-istess però jista' jingħad dwar dawk l-istqarrijiet li l-istess Dr L. Gonzi għamel fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi fejn il-kliem użat minnu setgħu jwasslu sabiex il-pubbliku jikkonkludi li għal Dr Gonzi r-rikorrent huwa ħati. Ir-rikorrent fl-*affidavit* tiegħu jagħmel referenza għal parti fejn Dr Gonzi jwieġeb: "With *hindsight*, komda ħafna. Kieku kont naf dakinhar, mhux innennih kont, imma kont nibagħtu l-ħabs. Imma fejn tkun taf?".

»Fil-fehma tal-qorti din hija dikjarazzjoni li kieku Dr Gonzi kien jaf bil-fatti għalih ir-rikorrent ħati u jibagħtu l-ħabs. Dan id-diskors sar kollu fil-kuntest tad-diskussjoni li kienet qed issir fuq ir-rapport tal-awditur fejn anke saret dikjarazzjoni minn Dr Owen Bonnici li r-rikorrenti kien ħa l-flus u li għalhekk anke fil-fehma tiegħu r-rikorrent kien ħati u dana meta r-rikorrent għadu qed jaffaċċja proċeduri fil-qorti.

»Fil-fehma tal-qorti f'dan ir-rigward kien hemm ksur tal-presunzjoni tal-innoċenza tar-rikorrent *ai termini* tal-artikoli 6(2) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni.

»Kwantu għall-kummenti li saru minn Dr Arnold Cassola fuq il-programm *Xarabank* fejn dan iddikjara li r-rikorrent kien mixtri, ħa l-*commissions* u kien ħati ta' korruzzjoni, il-qorti tirrileva li Dr Cassola kien twaqqaf immedjatament mill-preżentatur billi ma setax igħid dak id-diskors qabel ma r-rikorrent ikun għadda minn proċess ġudizzjarju.

»Fil-fehma tal-qorti Dr Arnold Cassola mhuwiex xi awtorità pubblika *ai fini* tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u dak li huwa ddikjara kien biss opinjoni personali tiegħu li mhijiex ta' importanza li tista' taffettwa l-imparzjalità tal-proċeduri jew li tammonta għal ksur tal-presunzjoni tal-innoċenza tar-rikorrent. Hu kien imwaqqaf tempestivament mill-preżentatur tal-programm. *Inoltre* Dr A. Cassola mhux imħarrek bħala parti f'dina l-kawża.

»Għalhekk fir-rigward ta' Dr A. Cassola ma hemmx leżjoni.

»Illi għalkemm qed tinsab leżjoni tad-dritt tar-rikorrent taħt l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u 39(5) tal-Kostituzzjoni fir-rigward tad-diskors li sar minn Dr L. Gonzi u Dr Owen Bonnici quddiem il-*PAC*[1] u li ġie rapportat fil-gazzetti, fil-fehma tal-qorti dina l-leżjoni ma għandhiex twassal għal konsegwenza li l-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-qrati Maltin għandhom jiġu ddikjarati nulli.

»Terġa' ssir referenza għas-sentenza <u>Arrigo *v.* Malta</u> fejn il-qorti rriteniet li:

> »"Fis-sistema ġuridika tagħna hemm garanziji u salvagwardji biżżejjed b'mod illi, anke jekk kellu jirriżulta illi, permezz ta' kliem illi ntqal waqt il-konferenza stampa in kwistjoni, ġiet preġudikata l-prezunzjoni tal-innoċenza tal-appellanti, ma jistax jingħad illi r-reati kriminali illi bihom huma akkużati l-istess appellanti ma jiġux determinati minn qorti oġġettivament indipendenti u imparzjali. Fil-fehma ta' dina l-qorti, dan japplika kemm jekk il-proċeduri kriminali relattivi jiġu determinati mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kemm jekk l-istess proċeduri jiġu determinati mill-Qorti Kriminali, bil-parteċipazzjoni tal-ġurati jew mingħajr din il-parteċipazzjoni, u kemm f'każ ta' xi eventwali appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali."

»It-test li jrid isir f'każ bħal dana huwa "*whether the pre-trial publicity has influenced judges or jurors in such a way as to lead them to depart from the presumption of innocence*" [*Human Rights Files No 3 Article 6*]. Fil-fehma tal-qorti hemm biżżejjed salvagwardji fis-sistema ġuridika tagħna biex ir-rikorrent jiġi ġudikat minn qorti independenti u imparzjali. *Inoltre* "*its impact is likely to be limited where the trial takes place a considerable time later*" [<u>GCP *v* Romania</u>, 2001]. Dan il-każ ilu li ġara erba' snin.

»Fil-fehma ta' dina l-qorti, dak illi, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, għandu jsir sabiex jiġi provvdut rimedju għal-lezjoni hawn fuq imsemmija tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodiċi Kriminali jiġu skrupolożament osservati u applikati, huwa illi dan il-ġudikat jinġieb a konjizjoni ta' dik il-qorti illi eventwalment tiġi msejħa sabiex tiddetermina l-proċeduri kriminali inizjati kontra l-istess appellant.«

---

1 *Public Accounts Committee*

6. Il-konvenuti appellaw b'rikors tat-30 ta' April 2018 li għalih l-attur wieġeb fis-16 ta' Mejju 2018.

7. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti jolqot iċ-ċaħda ta' intempestività tal-azzjoni, u ġie mfisser hekk:

> »L-esponenti jissottomcttu li d-dritt ta' smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura fl-intier tagħha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bħal ma qed jipprova jagħmel l-appellat f'dawn il-proċeduri, u dan sabiex ikun jista' jiġi eżaminat fil-konkret jekk effettivament l-appellant [*recte*, l-appellat] soffriex xi żvantagg fil-kors tal-proċediment penali kontra tiegħu.
>
> »Illi ġaladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti in konfront tal-appellat, l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet leżjoni u dan peress li sakemm il-proċeduri kriminali jkunu għadhom pendenti ma tistax tiġi kkunsidrata lanjanza ta' vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq u dan anke peress li l-akkużat jista' ma jinstabx ħati tar-reat li bih ikun qed jigi akkużat.
>
> »Fil-fehma umli tal-esponenti, ġaladarba rriżulta li l-proċeduri kriminali in konfront tal-appellat għadhom pendenti, l-ewwel qorti kellha tiddikjara li l-azzjoni odjerna kienet prematura u intempestiva. Illi l-esponenti jissottometti li l-proċeduri kriminali jintemmu bil-konklużjoni tal-proċeduri tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appall Kriminali u mhux qabel.«

8. L-attur wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

> »L-ewwel qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha li l-azzjoni ma kinitx intempestiva billi tagħmel referenza għall-każistika tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ <u>Arrigo *v.* Malta</u> kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ <u>Zaffarese *v.* Avukat Ġenerali</u> fejn din il-qorti rriteneti li jista' jkun hemm episodji li jseħħu anke qabel ma tintemm il-proċedura kriminali li jistgħu jimpinġu fuq id-dritt ta' smigħ xieraq. L-ewwel qorti kkonkludiet li f'dan il-każ huwa opportun li tkompli bis-sindakar tagħha u ċaħdet l-eċċezzjoni tal-intimati.
>
> »L-esponenti jisottometti umilment li l-ewwel qorti kienet korretta meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-intempestività. Tajjeb illi jingħad li r-rimedju kostituzzjonali għall-ksur tal-dritt fundamentali – inkluż id-dritt għal smigħ xieraq u l-allegazzjoni ta' ksur tal-presunzjoni tal-innoċenza – mhuwiex biss *ex post*. Fil-liġi kostituzzjonali Maltija, persuna tista' tressaq kawża kostituzzjonali għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'dawk il-każijiet fejn "tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura" xi disposizzjoni li tipproteġi dawk id-drittijiet fundamentali. Dan ifisser li l-liġi kostituzzjonali Maltija tippermetti li l-analiżi ta' jekk jistax jkun hemm ksur tista' ssir ukoll f'kwalunkwe parti tal-proċedura anke saħansitra meta hemm riskju ta' ksur.«

9. L-ewwel qorti sabet ksur tal-jedd għall-presunzjoni tal-innoċenza mhux għax b'dak li ġara l-attur jista' ma jingħatax smigħ xieraq fil-proċess penali kontra tiegħu, iżda għax l-istqarrijiet magħmula dwaru jistgħu jwasslu biex, f'għajnejn il-pubbliku, jitqies ħati qabel ma tingħata sentenza minn qorti kompetenti. Din hija ħsara li ġà seħħet u ma tistax tissewwa wkoll jekk il-proċess penali jitmexxa b'ħarsien skrupluż tal-garanziji proċedurali kollha u wkoll jekk eventwalment l-attur ma jinstabx ħati, appuntu għax il-ksur ma huwiex b'konnessjoni mal-proċess penali.

10. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

11. It-tieni aggravju jolqot is-sejbien ta' ksur, u ġie mfisser hekk:

> »Illi l-ewwel qorti ma kinitx ġusta meta sabet leżjoni tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta
>
> »Illi l-ewwel qorti wara li ma rravviżat l-ebda leżjoni naxxenti mill-istqarrija li kien irilaxxa l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr Lawrence Gonzi kompliet billi osservat illi:
>
>> »"Mhux l-istess però jista' jingħad dwar dawk l-istqarrijiet li l-istess Dr L. Gonzi għamel fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi fejn il-kliem użat minnu setgħu jwasslu sabiex il-pubbliku jikkonkludi li għal Dr Gonzi r-rikorrent huwa ħati. Ir-rikorrent fl-*affidavit* tiegħu jagħmel referenza għal parti fejn Dr Gonzi jwieġeb: 'With *hindsight*, komda ħafna. Kieku kont naf dakinhar, mhux innennih kont, imma kont nibagħtu l-ħabs. Imma fejn tkun taf?'.
>>
>> »"Fil-fehma tal-qorti din hija dikjarazzjoni li kieku Dr Gonzi kien jaf bil-fatti għalih ir-rikorrent ħati u jibagħtu l-ħabs. Dan id-diskors sar kollu fil-kuntest tad-diskussjoni li kienet qed issir fuq ir-rapport tal-awditur fejn anke saret dikjarazzjoni minn Dr Owen Bonnici li r-rikorrenti kien ħa l-flus u li għalhekk anke fil-fehma tiegħu r-rikorrent kien ħati u dana meta r-rikorrent għadu qed jaffaċċja proċeduri fil-qorti."
>
> »L-appellant jibdew billi jissottomettu illi bħala regola ġenerali l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea jip-provdu li kukl min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqius li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat li huwa ħati.
>
> »L-appellant jirrileva li l-ewwel qorti qatt ma setgħet issib leżjoni naxxenti minu dak li ntqal mill-*ex*-Prim Ministru Dr Gonzi quddiem il-*Public Accounts Committee* u dan *stante* li meta Dr Gonzi tela'

quddiem il-*Public Accounts Committee* huwa ma kienx għadu jokkupa kariga uffiċjali fi ħdan il-Gvern ta' Malta u dan *stante* li fil-mument li tela' jixhed quddiem il-*Public Accounts Committee* kienet diġà saret il-bidla fl-amministrazziorti bil-konsegwenza li dak kollu li ntqal da parti ta' Dr Gonzi quddiem il-*Public Accounts Committee* u li għalih tirreferi l-ewwel qorti ntqal fil-vesti personali tiegħu u mhux bħala uffiċjal pubbliku (*state official*) jew għan-nom tal-gvern u għalhekk ma kienx jikkwalifika bħala awtorità pubblika għall-fini tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Illi għal dak li jirrigwarda r-rimarka li għamlet il-qorti dwar id-domandi li għamel Dr Owen Bonnici quddiem l-istess kumitat, l-esponenti jissottometti li bħal ma jigri f'kuntest ta' investigazzioni, il-mod kif titpoġġa l-mistoqsija sabiex wieħed jasal għall-verità ma jammontax għal dikjarazzjoni ta' ħtija da parti tal-istess persuna u dan *stante* li mistoqsijiet ma jikkostitwux stqarrija ta' dak li jkun poġġa l-mistoqsija u wisq inqas tista' tiġi kkunsidrata jew interpretata bhala dlkjarazzjoni ta' ħtija.

«[… … …]

»Illi skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea huwa ċar li l-ewwel rekwiżit li għandu jiġi sodisfatt huwa li *statement* għandu jsir minn uffiċjal tal-istat. Illi kif intwera ampjament l-i*statement* li għamel Dr Gonzi quddiem il-*Public Accounts Committee* sar meta l-istess Dr Gonzi ma kienx uffiċjal tal-istat u għalhekk l-ewwel qorti qatt ma setgħat issib vjolazzjoni naxxenti minn dak li ntqal minn Dr Gonzi quddiem il-*Public Accounts Committee*.

»Illi skont l-istess Qorti Ewropea jrid jiġi analizzat ukoll il-kuntest li fihom ikunu ntqalu dawn l-i*statements* u d-diċitura partikolari li tintuża *cioè* jekk jissemmiex l-isem tal-persuna u jekk jintużawx kliem b'konnotazzjoni ta' ħtija mill-uffiċjal tal-istat. Illi jekk wieħed janalizza dak li ntqal minn Dr Owen Bonnici fil-*Public Accounts Committee* jidher li dan intqal f'kuntest ta' mistoqsijiet li kien qiegħed ipoġġi u ċertament li tali mistoqsijiet isiru anke b'forma ta' suġġeriment sabiex jekk ikun minnu dak li jkun qiegħed jiġi suġġerit ix-xhud jikkonferma. Madankollu tali suġġerimenti ċertament li ma jammontawx għal dikjarazzjonijiet ta' ħtija.

»Illi għal dak li kien rapportat fil-gazzetti dwar dak li allegatament ingħad fil-*Public Accounts Committee* ċertament li ma jikkostitwix *statement* ta' uffiċjal tal-istat.

»Illi fil-fehma tal-appellant l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet vjolazzjoni u dan *stante* li (a) jew il-kliem li ntqal kien intqal minn persuna li ma kinitx uffiċjal tal-istat (Dr Gonzi), jew (b) li intużat xi dikjarazzjoni ta' ħtija minn uffiċjal tal-istat (Dr Bonnici).

12. L-attur wieġeb hekk:

»Il-qorti sabet li l-ewwel stqarrija uffiċjali li ħareġ Dr Gonzi fi żmien meta kien Prim Ministru kienet ġustifikata *in vista* tal-iskandlu tax-xiri taż-żejt. Ir-rapportaġġ tal-gazzetti fejn igħidu li '*Tabone betrayed public trust – Gonzi*' joħroġ 'il barra mill-kuntest kollu tal-istqarrija li ħareġ il-Prim Ministru dakinhar. Madankollu l-qorti qalet li meta xehed quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi l-kliem użat minn Dr

Gonzi wassal sabiex il-pubbliku jikkonkludi li għal Dr Gonzi l-esponent huwa ħati. L-esponent jissottometti li dawn il-kliem biċ-ċar juru li ġie leż il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-esponent iktar u iktar jekk tieħu l-istqarrija ta' Dr Gonzi meta kien Prim Ministru flimkien max-xiehda tiegħu quddiem il-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi. Bl-istess mod, il-kliem ta' Owen Bonnici ukoll jilledu d-drittijiet tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

»L-intimati jgħidu li l-qorti b'mod skorett ikkonkludiet li dawn l-istqarrijiet li saru jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponent. Dan għaliex Dr Gonzi, meta kien qed jixhed, ma kienx għadu uffiċjal pubbliku tal-istat. Fir-rigward tal-Ministru Owen Bonnici, l-intimati jgħidu li l-istqarrijiet kienu qed isiru "f'kuntest ta' mistoqsijiet li kien qiegħed ipoġġi u ċertament li tali mistoqsijiet isur anke b'forma ta' suġġeriment sabiex jekk ikun minnu dak li qiegħed jiġi suġġerit ix-xhud jikkonferma. Madankollu tali suġġerimenti ċertament ma jammontawx għal dikjarazzjonijiet ta' ħtija".

»Fir-rigward tal-Ministru Owen Bonnici, l-esponent ma jistax jifhem kif l-intimati jistgħu raġonevolment jiġġustifikaw l-istqarrijiet tiegħu bħala stqarrijiet li ma jammontawx għal dikjarazzjoni ta' ħtija! Il-kliem tal-ministru kienu bla tlaqliq u ma jħallu l-ebda lok għal interpretazzjoni oħra. Lanqas ma wieħed jista' jagħti ġustifikazzjoni għall-kliem użat minħabba l-fatt li kien qed jintuża bħala forma ta' suġġeriment, qisu kien għaddej xi kontroeżami quddiem xi qorti (tajjeb li jingħad li lanqas f'kontroeżami quddiem qorti tali forma ta' dikjarazzjonijiet jew mistoqsijiet għandhom ikunu permissibbli). […]

»Fir-rigward tal-istqarrijiet li saru minn Dr Gonzi, jingħad li dawn saru f'kuntest pubbliku quddiem organu tal-istat – il-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi u l-kliem ingħataw pubbliċità kbira. Dawn id-dikjarazzjoni[jiet] saru minn Dr Gonzi b'referenza għaż-żmien meta hu kien għadu Prim Ministru u rappreżentant tal-istat Malti. Il-fatt li meta qal dawn l-istqarrijiet hu ma kienx għadu Prim Ministru ma jfissirx li ma seħħ l-ebda leżjoni tad-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Dan għaliex l-effett ta' dawn l-istqarrijiet minn Dr Gonzi għandhom l-istess effett bħallikieku kien għadu Prim Ministru ta' Malta. Il-kliem ta' Dr Gonzi ma jistgħux jitqiesu qishom saru minn kwalunke persuna privata jew saħansitra ta' persuna pubblika normali. Il-kliem ta' Dr Gonzi, kemm għaliex kien Prim Ministru u kien jokkupa l-iktar kariga għolja fl-istat, kif ukoll għaliex kien qed jirreferi għaż-żmien meta huwa kien Prim Ministru, għandhom effett kbir fuq id-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-esponent. L-istqarrijiet li jsiru minn persuna bħal Dr Gonzi, anke meta ma baqax Prim Ministru minħabba bidla fil-gvern, jikkrea l-istess ammont ta' preġudizzju fil-konfront tal-esponent bħallikieku ntqalu minn uffiċjal pubbliku. Dan iktar u iktar meta wieħed iqis li Dr Gonzi, meta kien Prim Ministru, kien ħareġ l-istqarrija li ngħatat pubbliċità qawwija u fejn intqal li l-Prim Ministru sab li "*Tabone betrayed public trust*" kif ukoll għax-xiehda li ta quddiem il-kumitat permanenti. Illi għaldaqstant l-esponent jissottometti li l-ewwel qorti kienet korretta meta sabet leżjoni f'dan is-sens. Tenut kont tal-pożizzjoni pubblika li kien jokkupa għal diversi snin, Dr Gonzi kellu l-obbligu u r-responsabblità li juża d-diskrezzjoni neċessarja.

»Huwa raġonevolment mistenni li dikjarazzjonijiet isiru minn uffiċjali pubbliċi u ċertu *ex*-uffiċjali pubbliċi fir-rigward ta' akkużi serji bħal ma huma dawn in kwistjoni, partikolarment meta l-akkużi b'xi mod

jirrelataw mal-pożizzjoni pubblika li kellu l-esponent fil-Korporazzjoni Enemalta fiż-żmien relatat. Madankollu, dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru b'responsabbiltà u n-nies għandhom jużaw id-diskrezzjoni neċessarja meta jagħmlu ċertu stqarrijiet fil-pubbliku fir-rigward tal-akkuża. Dan sabiex jiġi assigurat li d-drittijiet ta' smigħ xieraq tal-akkużat ma jiġux ippreġudikati u sabiex ma jiġix mittiefes id-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-akkużat.

»L-appellat jissottometti li d-dannu għall-proċedimenti kriminali fil-konfront ta' Tabone diġà sar u wieħed ma jistax jiżgura li l-proċess kriminali ser ikun wieħed ġust u lanqas jista' ma jistax [*sic*] jiġi rimedjat b'mod effettiv, xieraq u adegwat fi stadju ulterjuri. F'dan il-każ, Tabone ma jistax iħassar dawk id-dikjarazzjonijiet li saru fil-pubbliku minn nies prominenti u/jew li għandhom kariga uffiċjali f'Malta. Dawn mill-ewwel wrew li għalihom ma hemm l-ebda dubju li Tabone huwa ħati. Kif qalet il-qorti Kostituzzjonali fil-kawża <u>The Republic of Malta *v*. Gregory Robert Eyre *et*</u>:

> »"This clearly places the accused at a great, indeed disproportionate, disadvantage vis-à-vis the prosectution, a disadvantage that he has absolutely no chance of redressing whatever the evidence he adduces with regard to the formal element of the offence. Such an imbalance strikes against the very foundations of the fairness of any criminal trial."

»Id-dannu għall-proċedimenti kriminali fil-konfront ta' Tabone diġa' sar u wieħed ma jistax jiżgura li l-proċess kriminali ser ikun wieħed ġust […]. Id-dritt ta' presunzjoni ta' innoċenza tal-esponent ġie mittifes u jirriżulta li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif protetti mill-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem. Dan għaliex, huwa ċar li, b'dan il-kliem li ntaql, il-pubbliku ġie influwenzat fuq dawn il-proċeduri u dan b'mod ċar poġġa lir-rikorrent, bħala akkużat, fi żvantaġġ kbir. […]«

13. Il-qorti tteni illi s-sejbien mill-ewwel qorti ta' ksur tad-dritt tal-attur ma kienx relativ għall-proċess kriminali iżda għax l-istqarrijiet magħmula dwaru jistgħu jwasslu biex, f'għajnejn il-pubbliku, jitqies ħati qabel ma tingħata sentenza minn qorti kompetenti[2]. Ladarba ma sar ebda appell minn dan, l-osservazjoni tal-attur illi "d-dannu għall-proċedimenti kriminali fil-konfront ta' Tabone diġà sar u wieħed ma jistax jiżgura li l-proċess kriminali ser ikun wieħed ġust" ma għandhiex relevanza għall-għanijiet ta' dan l-appell.

---

[2] Ara para. 9 *supra.*

14. Il-qorti taqbel mal-konvenuti meta jgħidu illi biex jitqies li seħħ ksur tal-jedd tal-presunzjoni tal-innoċenza mnħabba stqarrijiet magħmula fil-pubbliku, dawk l-istqarrijiet iridu jkunu saru minn uffiċjal pubbliku li jitqies – appuntu għax uffiċjal tal-istat – li tkellem f'isem l-istat. Meta għamel l-istqarrija quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi Dr Lawrence Gonzi kien ċittadin privat u ma kellu ebda setgħa jagħmel stqarrijiet f'isem l-istat. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk Dr Gonzi għamilx sew jew le meta qal dak li qal, il-qorti tosserva illi ma għandux ikun l-istat li jissejjaħ biex iwieġeb għal dak li jgħid ċittadin privat.

15. L-aggravju safejn jolqot l-istqarrija ta' Dr Gonzi għalhekk għandu jintlaqa'.

16. L-istqarrija ta' Dr Owen Bonnici min-naħa l-oħra saret meta dan kien segretarju parlamentari u għalhekk dak li qal seta' jitqies bħala li jirrappreżenta l-fehma tal-gvern – u konsegwentement l-istat – fuq il-ħtija jew innoċenza tal-attur. L-istqarrija tal-Ministru Bonnici għalhekk għandha titqies fuq il-meritu tagħha biex jiġi determinat jekk min semagħha jew qraha setax b'hekk jifhem illi l-gvern hu tal-fehma li l-attur huwa ħati.

17. Is-siltiet minn dak li qal Dr Bonnici li dwarhom jilmenta l-attur ittieħdu mill-mistoqsijiet li kien qiegħed jagħmel lil xhud quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Is-siltiet huma dawn:

> »Allura, Sur Farrugia, inti f'liema mument intbaħt li s-Sur Tabone kien involut f'xi ċirku ta' korruzzjoni?
>
> »[… … …]

»Li tajthomlu m'għandix dubju assolutament u li ħadhom m'għandix dubju lanqas.«

18. Jgħidu sew il-konvenuti illi l-ewwel silta hija mistoqsija. Mandankollu l-mistoqsija fiha asserzjoni ta' fatt: li l-attur kien involut f'ċirku ta' korruzzjoni, u l-mistoqsija ma hijiex jekk l-attur kienx tassew involut iżda meta x-xhud sar jaf b'dan. Igħidu ħażin għalhekk il-konvenuti li ma sarux allegazzjoni ta' ħtija fil-mistoqsija. Barra minn hekk, ukoll jekk, kif qalu l-konvenuti, il-ħsieb wara l-mistqosija kien "suġġeriment sabiex, jekk ikun minnu dak li jkun qiegħed jiġi suġġerit, ix-xhud jikkonferma", is-"suġġeriment" kien li l-attur "kien involut f'ċirku ta' korruzzjoni", u s-suġġeriment jiftehem bħala hekk mhux biss mix-xhud iżda minn kull min jisma' jew jaqra dak li ntqal.

19. It-tieni silta ma hija mistoqsija xejn iżda asserzjoni enfatika li min għamilha jemmen mingħajr "dubju assolutament" li x-xhud lill-attur "tahomlu" – ir-referenza hija għal erba' mitt elf dollaru amerikan ($400,000) – u li l-attur "ħadhom". Min jisma' jew jaqra din is-silta ma jistax ma jifhimx li Dr Bonnici jemmen illi l-attur ħa flus li ma kellux jieħu.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-istqarrijiet ta' Dr Bonnici tassew jiksru l-jedd tal-attur li jitqies innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati minn qorti kompetenti. Din il-parti tal-aggravju għalhekk ma tistax tintlaqa'.

21. Il-konklużjoni għalhekk xorta tibqa' illi, kif qalet l-ewwel qorti, l-attur ġarrab ksur tal-jedd tiegħu mħares taħt l-art. 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-

art. 6(2) tal-Konvenzjoni, ukoll jekk intlaqa' l-aggravju safejn jolqot l-istqarrija ta' Dr Gonzi.

22. Il-qorti għalehkk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

23. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel qorti; l-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsu l-attur u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom l-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cusċhieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm